MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Talba Numru. 1344/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-asssikurata taghha Marthese Micallef u l-istess Marthese Micallef**

**vs**

**Stephen Zarb**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Lulju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm237.40) rapprezentanti danni minnhom sofferti in konnessjoni ma’ ncident li sehh fit-12 ta’ Ottubru 2000 fi Triq Dun Karm Sammut, B’Kara, bejn il-vettura bin-numru tarr-egistrazzjoni DAP 629 misjuqa minn Stephen Zarb u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB 883, propjeta’ ta’ Marthese Micallef u assikurata mal-kumpanija attrici, liema ncident sehh unikament tort tan-

negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u ghall-liema ncident kien jahti unikament il-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ kull att kawtelatorju precedenti u tal-ittra ufficjali tal-31 ta’ Ottubru 2002, u ta’ dik ipprezentata kontestwalment a tenur tal-Kap. 104 tal-ligijiet ta’ Malta, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament efffettiv.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-egwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-trafffiku li sehh fit-12 ta’ Ottubru 2000 gewwa B’Kara bejn Marthese Micallef u l-konvenut ma garax tort tal-konvent izda gara tort ta’ Marthese Micallef u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Edmond Zammit Laferla, PS 1043 Francis Pace, Marthese Micallef u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet esebiti mill-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Ottubru 2000, fi Triq Dun Karm Sammut, B’Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAB 883 misjuqa minn Marthese Micallef u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAP 629 misjuqa mill-konvenut Stephen Zarb.
Irid jigi rilevat mill-ewwel li hemm kontradizzjoni totali bejn dak li xehdet l-attrici Marthese Micallef fis-seduta tal-15 ta’ Dicembru 2003 dwar kif sehh l-incident u l-verzjoni minnha moghtija ‘a tempo vergine’ hekk kif riportata fir-Road Accident Report imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz. Meta xehdet quddiem dan it-Trtiibunal Micallef fil-fatt ssotniet li fid-data tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq Dun Karm Sammut u riedet tohrog

ghal By-Pass ta' B'Kara izda minn ezami tal-iskizz (a fol. 21) jidher li fil-fatt il-vettura tal-konvenuta kienet gejja minn Triq Tumas Fenech u diehla fi Triq Dun Karm Sammut. L-istess haga tinsab riportata fir-Road Accident Report fejn fil-verzjoni moghtija minnn Micallef hemm indikat li hija qalet li kienet qed iddur ghal Triq Dun Karm Sammut. Marthese Micallef issotni li hemm zball fl-iskizz fis-sens li n-numri tar-registrazzjoni taz-zewg vetturi nvoluti fl-incident gew maqluba mis-Surgent.

It-Tribunaal jidhrilu li l-verzjoni riportata fir-Road Accident Report u fl-iskizz hija dik veritjiera u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. Is-Surgent lli nvestiga l-kaz ikkonferma li m'hemm l-ebda zball fl-iskizz u li wara li gie rilaxxjat ir-Rapport ma gie registrat ebda lment fis-sens li kienu nqalbu n-numri tal-vetturi fuq l-iskizz. It-Tribunal m'ghandu ebda dubju mill-kredibilita' ta' dan ix-xhud fir-rigward.

2. Il-konvenut jikkonferma li l-vettura tieghu kienet dik hierga minn Triq Dun Karm Sammut filwaqt li l-vettura tal-konvenuta kienet dik diehla fl-imsemmija triq.

3. Fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-atturi hemm indikazzjoni cara li huma qed jaccettaw li l-iskizz huwa korrett u li fil-fatt l-attrici Marthese Micallef kienet diehla fi Triq Dun Karm Sammut u mhux vice versa.

Stabbilit il-fatt li l-impatt sehh waqt li l-konvenut kien qed isuq fi Triq Dun Karm Sammut u kwazi wasal fit-tarf tat-triq biex johrog ghal By-Pass u li Marthese Micallef kienet ghadha kemm dahlet fi Triq Dun Karm Sammut u kienet gejja minn Triq Tumas Fenech, trid issa tigi deciza il-kwsitjoni ta' respponsabilita' ghall-incident de quo. Mill-iskizz jjidher li l-vettura tal-konvenut kienet qed tinstaq lejn nofs tat-triq u li setghat qabzet il-linja medjana immaginarja tat-triq. Il-konvenut jiggustifika dan il-fatt billi jghid li huwa bilfors kellu jigbed lejn nofs it-triq minhabba vetturi li kien hemm parkeggjati fuq in-naha taxx-ellug tieghu. Dan il-fatt, oltre li gie korroborat mix-xhieda ta' Marthese Micallef stess li tghid li kien hemm vetturi

parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, huwa wkoll riportat fil-verzjoni li ta l-konvenut ‘a tempo vergine’ fejn huwa indika li kien hemm vettura parkeggjata fil-kantuniera fit-tarf tat-triq. It-Tribunal jidhirlu li l-kawza prossima tal-incident kien il-fatt li l-attrici Marthese Micallef naqset milli tieqaf u tesplora t-triq adegwatament qabel ma hija ttentat tidhol fi Triq Dun Karm Sammut. Keiku ghamlet hekk hija certament kienet tinduna bil-vettura tal-konvenut li kienet ghadha qed tipprocedi fi Triq Dun Karm Sammut, kemmxejn lejn nofs it-triq minhabba l-vetturi parkeggjati fuq ix-xellug taghha, u kienet tieqaf sakemm tilhaq tghaddi l-vettura tal-konvenut

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attrici Marthese Micallef kienet unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta’ Ottubru 2000, fi Triq Dun Karm Sammut, B’Kara.

Ghal dawn il-motivi t-Triibunal jaqta’ u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu nterament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------